# L-Innu tal-Istudenti Universitarji : it-tieni parti

## minn Mro. Manoel Pirotta

Fl-ewwel parti ta' dan l-artiklu li deher fil-ħarġa ta' *BOOKmark* ta' Ottubru-Novembru ta' din is-sena kont laqqajtkom mal-Innu tal-Kulleġġ Universitarju tagħna u għedtilkom bl-istorja ta' kif dan twieled. Kif ħabbartilkom fl-ewwel parti, din id-darba ser inlaqqagħkom ma' Mro. Carmelo Pace - il-kompożitur tal-Innu, u l-ewwel għalliem tal-mużika tiegħi f'Malta. Peress ukoll li din il-ħarġa taħbat mal-istaġun festiv, ħsibt li naghtikom ukoll lista żgħira ta' xi xogħlijiet oħra li huwa kkompona, fosthom għanjiet tal-Milied, fuq versi kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti. Bħal fil-każ tal-parti l-oħra, din ukoll qed nibdieha b'silta sabiħa meħuda mid-djarju tal-qassis-poeta Naxxari, Dun Anton Xiberras (1921-2006), li fil-fehma tiegħi tpenġi tajjeb l-istaġun li ninsabu fih.

24-12-45: IL-PURĊISSJONI BIL-BAMBIN: '*Il-Għaqda tal-Mużew bil-Bambin, u t-tfal ikantaw u l-fanali mixgħula ħarġu minn San Ġwann, telgħu f'Misraħ Ewlieni, waslu l-Kunċizzjoni, għaddew mit-triq t'Anġlu "Ta' Bla Snien", għat-Triq il-Ġdida u wara daħlu S(anta) Luċija fejn saret Akkademja żgħira. Wara li tgħannew xi għanjiet, tala' tfajjel minn Ħal Balzan jagħmel il-prietka; wara ħarġu tfal, tnejn tnejn jagħmlu dwetti bejniethom, min ikantahom imsieħeb bl-orgni, u min bil-kliem biss, kollha poeżiji tal-Milied, fejn it-tfal jitkellmu bħal kieku rgħajja ta' Betlem. Li laqtitna kienet il-għanja li għannew l-aħwa Xuereb "Aħna tliet Rgħajja foqra", ħelwa tabilħaqq*'. (Il-Għaxar ktieb: Lulju 1945 – Jannar 22, 1946: Diċembru, p. 20-1. )



Mro. Carmelo Pace, il-kompożitur tal-Innu tal-Istudenti Universitarju

Mro. Carmelo Pace (1906-1993), li proprju dis-sena jagħlaq 25 sena minn mewtu, twieled il-Belt Valletta. L-ewwel tagħlim mużikali ħadu mingħand zijuh stess, is-Surmast Vincenzo Ciappara (1890-1979). Aktar tard huwa tgħallem il-vjolin u l-kitba tal-mużika għand il-Professuri Carlo Fiamingo (1881-1961) u Dr. Thomas Robert Mayne. Fl-1931 kiseb il-liċenzjat mir-*Royal School of Music* ta' Londra u mill-ewwel beda l-karriera tiegħu bħala għalliem tat-teorija. Mro. Pace huwa wkoll rebbieħ ta' għadd ta' midalji u premijiet prestiġjużi. Fl-1949, kien ukoll responsabbli mit-twaqqif tal-orkestra fi ħdan il-*Malta Cultural Institute* u baqa' jidderigieha għal madwar erbgħin sena sħaħ. (Għal xi żmien, jien kont indoqq f'din l-orkestra bħala klarinettist.) Ix-xogħlijiet tiegħu jinsabu arkivjati fil-mużew tal-Katidral tal-Imdina filwaqt li il-manuskritti tal-erba' opri jinsabu merfugħin fl-arkivju tat-Teatru Manoel.

Bħal ħafna studenti tal-mużika oħrajn, jien ukoll kont mort nitgħallem għand dan is-surmast prolifiku Malti. Niftakarni mmur għandu s-Sibtijiet filgħodu fid-dar tiegħu stess fi Triq San Duminku, f'Tas-Sliema. Malli tidħol, fuq ix-xellug kellu kamra tal-mużika b'mejda mdaqqsa fin-nofs u pjanu iswed u qadim fil-ġenb, bl-għatu tiegħu dejjem magħluq u munzell karti fuqu. Jekk niftakar sew, kellu wkoll xi vetrina jew tnejn tal-ħġieġ b'xi kotba fihom, fosthom enċiklopedija sħiħa tal-mużika, u ċertifikati b'qafla biex iżżommhom irrumblati, u xi trofej jew *mementos* li kien ta' spiss jirċievi. Malli tidħol kont tieħu postok mill-ewwel bilqiegħda fuq is-siġġu ta' mal-mejda n-naħa ta' fejn kien hemm t-tieqa persjana miżbugħa lewn isfar ċar. Din fis-Sajf kienet tkun miftuħa beraħ minħabba s-sħana u fix-Xitwa fuq il-ħġieġ minħabba xi kesħa li kienet tażżarda tidħol. Meta kien jara li hemm wisq dawl tax-xemx fil-kamra, ix-xwejjaħ Surmast Pace kien iqum bil-lajma biex ibexxaq il-persjani. Dak iż-żmien kien iżommli nofs lira maltin (€1.16) ta' siegħa lezzjoni, li fiha kien jikkoreġili x-xogħol tad-dar kollu b'lapsijiet tal-kulur skont l-iżball li tkun wettaqt. Ġieli wkoll, kien jagħtini xi xogħol biex naħdmu hemm stess, filwaqt li hu jmur f'kamra oħra nofsha għad-dlam biex ikompli jikkomponi l-mużika li jkollu f'idejh. Dan kollu kien isir fi skiet taqtgħu b'sikkina u qajla kont tisma' leħnu, jekk mhux biex ifissirlek xi ħaġa ġdida fil-qosor kemm jista' jkun; hu kien iħobb jinqeda aktar bil-kitba milli bil-kelma meta jiġi għall-ispjega. Veru li, is-Surmast Pace kien ġa mgħobbi sewwa biż-żmien meta jien kont immur għal-lezzjonijiet tal-mużika għandu. Aktar tard imbagħad, komplejt nistudja barra minn Malta f'żewġ konservatorji prestiġjużi ġewwa Lyon fi Franza. Miegħu kont ksibt il-liċenzjat (L.Mus.LCM) mill-Kulleġġ tal-Mużika ta' Londra fl-1985. Fir-ritratt t'hawn fuq nidher jiena liebes it-toga qed nirċievi ċ-ċertifikat tad-diploma minn id is-Sur Reno C. Borg (1929-1987), dak iż-żmien direttur tal-edukazzjoni. Fir-ritratt jidher ukoll is-Sur Victor M. Darmanin, President tas-Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ. Iċ-ċerimonja tal-għoti taċ-ċertifikati kienet saret fil-*ballroom* tal-lukanda *Phoenicia*.



Mro. Manoel Pirotta jirċievi d-diploma tal-L.Mus.LCM minn id id-Direttur tal-Edukazzjoni, is-Sur Reno C. Borg

Huma bosta l-kompożizzjonijiet li ħarġu mill-pinna ta' Mro. Carmelo Pace, fosthom xogħlijiet kbar bħalma huma opri, oratorji, balletti, kantati, sinfoniji, kunċerti, sonati għall-pjanu u kwartetti għall-korda. Xogħlijietu kienu u għadhom jindaqqu ħafna sal-ġurnata tal-lum, anki barra minn Malta. Uħud minnhom saħansitra ġew ippubblikati jew jinsabu fuq diski kumpatti. Iżda hawnhekk ikolli nillimita ruħi biss għal dawk it-tip ta' xogħlijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Milied, ħafna minnhom għanjiet, aktarx għall-akkumpanjament ta' orgni jew pjanu, skont jekk dawn jitgħannewx ġo knisja jew inkella f'xi teatru jew sala. Hemm ukoll żewġ għanjiet li jitkantaw *a cappella* bla ma jkunu msieħba minn xi strument jew ieħor. Fil-lista inkludejt ukoll l-Ode: *Christ's Nativity* (1946), għal Sopran jew Tenur u pjanu jew orkestra; id-dramm sagru f'ħames xeni, *Il Natale di Cristo* (1955), għal erba' vuċijiet u orkestra; u l-*Intermezzo Pastorale* (1968) għall-orgni. Dan tal-aħħar huwa strumentali għax fih ma jidħlux vuċijiet, u wieħed jinnota li dan hu l-uniku każ fost ix-xogħlijiet vokali l-oħrajn kollha. Il-versi bil-Malti jew l-Ingliż ġieli kitibhom hu stess, imma hemm oħrajn t'awturi magħrufin Maltin, fosthom Vincenzo Maria Pellegrini (1911-1997) u Ivo Muscat Azzopardi (1893-1965).




Illustrazzjoni bil-kulur ta' F.D. Lohman - Christmas Carols: Selected and Arranged by Karl Schulte (1938)

| Sena | Titlu tax-xogħol | Tip ta' xogħol | Strument / vuċi |
|---|---|---|---|
| **1946** | Christ's Nativity | Ode[1] | S/T, Kor u pjanu/orkestra |
| **1950** | They Heard the Angels | Għanja tal-Milied[2] | Unison with organ/pianoforte |
| **1955** | Il Natale di Cristo | Dramm Sagru f'ħames xeni[3] | S.A.T.B. u orkestra |
| **1963** | Is-Sultan Twieled | Għanja tal-Milied[4] | S.A.T.B. |
| **1968** | Intermezzo Pastorale | Intermezz[5] pastorali[6] | Orgni |
| **1971** | A Joyful Message[7] | Għanja tal-Milied[8] | S.A.T.B. a cappella[9] |
| **1972** | Illum twieled il-Bambin | Għanja tal-Milied[10] | S.A.T.B.[11] |
| **1972** | Il-Feddej | Għanja tal-Milied[12] | 2 vuċijiet u pjanu |
| **1975** | Għanjet l-Anġli | Għanja tal-Milied[13] | S.A.T.B[14] |
| **1976** | Come Good People | Għanja tal-Milied[15] | S.A.T.B.[16] |
| **1978** | Nativity[17] | Għanja tal-Milied | S.A.T.B. a cappella |

Jissokta fil-ħarġa tal-*BOOKmark* li jmiss.

[1]Poeżija lirika, li fil-bidu kellha l-għan li titkanta, li tesprimi tqanqil qawwi. L-isem hu ġeneriku u jħaddan bosta xogħlijiet liriċi li jvarjaw kemm fil-metru u kemm fit-tema (Oliver Friggieri: Dizzjunarju ta' Termini Letterarji [PEG 2000)]. Il-versi bl-Ingliż huma ta' John Milton.
[2]Versi bl-Ingliż ta' Carmelo Pace.
[3]Il-librett bit-Taljan huwa ta' Vincenzo Maria Pellegrini. Fl-1957 inqeleb għall-Malti minn Maria Pisani taħt l-isem ta' 'It-Twelid ta' Kristu.'
[4]Versi bil-Malti ta' Ivo Muscat Azzopardi.
[5]Oriġinarjament, intermezz kien jikkonsisti f'moviment strumentali qasir bejn żewġ taqsimiet ta' opra jew xogħol mużikali ieħor.
[6]Tip ta' mużika klassika ta' stil kampanjol.
[7]Messaġġ ta' Ferħ.
[8]Versi ta' Carmelo Pace.
[9]Ġiet arranġata wkoll għal żewġ vuċijiet u orgni/pjanu.
[10]Għanja tradizzjonali tal-Milied.
[11] Ġiet arranġata wkoll għal żewġ vuċijiet bi jew mingħajr akkumpanjament.
[12]Versi bil-Malti ta' Carmelo Pace.
[13]Versi bil-Malti ta' Dun E. Bezzina O.P.
[14]Bi jew mingħajr akkumpanjament.
[15]Versi bl-Ingliż ta' Hermione Tonna Barthet.
[16]Miktuba wkoll għal żewġ vuċijiet bi jew mingħajr akkumpanjament.
[17]Traduzzjoni bl-Ingliż tal-poeżija Spanjola *Del Nacimiento* ta' San Ġwann tas-Salib li miet fl-1591.

*Mro. Manoel Pirotta hu lettur tal-mużika fi ħdan il-Junior College Music Department*